MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2014

Numru. 683/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur James Grech**

**v**

**Michael Cuffari ta’ 24 sena bin Salvatore u Svetlana nee Dobrygnia imwieled fit-3/04/1990 gewwa Catania, l-Italja, prezentement residenti Villa Chetcuti, Triq San Pawl, Naxxar u detentur ta’ dokument ta’ l-identita’ Taljan bin-numru AS 0891454**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Michael Cuffari** li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Lulju, 2014 u/jew fil-jiem u l-gimghat ta' qabel:

(1) Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni EV527KN, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn malta, u/jew, gewwa Malta xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghha u/jew imexxiha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-imputat Michael Cuffari rregistra ammissjoni u zamm ferm l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Rat li r-res furtiva se tigi ritornata.

Rat l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta . Rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal sena u nofs habs sospiza ghal tliet snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------